**Il-Ħmistax-il laqgħa tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni t' Attivitajiet fin-Nadur**

**Nhar Il-Hamis 29 ta' Mejju 2014 fis-7:30 p.m**

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Eucharist Camilleri, Viċi Sindku
Dr. Rita Mifsud, Kunsillier
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Andrew Muscat
Charlie Xuereb
Antonia Portelli
Josef Camilleri
Anton Said
Peter Muscat
Sammy Buttigieg
James Buttigieg

*Dr. Josianne Cutajar u Danika Ann Cassar kienu skużati.*

---

1. Il-laqgħa bdiet b'talba.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-erbatax-il laqgħa ġew approvati u ffirmati.

3. **Programm tal-attivitajiet tal-Imnarja 2014.** Il-programm ta' l-attivitajiet organizzati u bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill huwa lest u ser jiġi ppubblikat fil-jiem li ġejjin. Dan ser jitqassam bieb bieb f' kull residenza tan-Nadur. Il-programm diġa jinsab fuq il-website tal-Kunsill kif ukoll fuq il-paġna tal-Kunsill fuq il-Facebook. Josef Camilleri u Anton Said ser jorganizzaw il-wirja li ser issir fis-Sala Joe Tabone fi ħdan l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

   Il-Kwotazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet tal-Kunsill jagħlqu għada.

   Għall-attivita' tat-tfal li ser issir nhar il-Ħamis 19 ta' Gunju, l-Kunsill ghamel appell ghal dawk it-tfal Nadurin li jixtiequ jiehdu sehem f' serata ta' Talent f' dan il-jum, izda ma kienx hemm rispons. Ghalekk giet

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

inkarigata Anette Portelli Said sabiex tieħu ħsieb l-organizzazjoni ta' din is-serata.

Il-Wirja Agrarja ser tieħu dehra differenti minn ta' l-aħħar snin. Ser ikun hemm ukoll il-parteċipazzjoni ghall-ewwel darba tat-Terramaxka. Il-Ħadd filgħodu ser ikun hemm il-parteċipazzjoni ta' l-Aurora Folk Group fost l-ohrajn. Il-Banda Mnarja mhux ser tieħu sehem fil-Wirja Agrarja direttament peress li din is-sena fl-istess ġurnata w hin ser ikun hemm il-festa tal-Korpus, li fiħa tieħu sehem il-Banda Mnarja.

It-Tnejn filgħaxija il-Kunsill ser jieħu ħsieb jorganizza kunċert minn George Curmi , il-Puse' , fi Pjazza San Pietru u San Pawl, peress li f' dan il-jum ma kien ha jkun hemm l-ebda attivita esterna .

*Ikla Tradizzjonali.* Is-Sindku nforma lill-membri, li l-Viċi Sindku ġie nkarigat mill-Arċipriet biex jieħu ħsieb l-Ikla Tradizzjonali ta' l-Imnarja. F'dan il-ħin Charlie Xuereb qal li hu jħossu urtat li hu ġie mwarrab minn din l-attivita din is-sena. Kien hemm qbil mill-Viċi Sindku u Charlie Xuereb sabiex Charlie Xuereb jieħu ħsieb l-entertainment ta' din is-serata filwaqt li Eucharist Camilleri jieħu ħsieb l-affarijiet l-oħra kollha.

Il-band fix-xalata tal-għada tal-Festa ser tkun ta' Mario Caruana. Charlie Xuereb għandu jieħu ħsieb jikkonferma dan.

Minħabba l-armar tat-toroq il-Kunsill m'għandux joħroġ permessi ta' cranes fit-toroq fejn hemm l-armar tal-festa minn nhar it-Tnejn 16 ta' Gunju l-quddiem.

Parti mill-festa ser tiġi ffilmjata minn NET TV ghall- fuq il-programm minn "Festa għal oħra".

**4.** **Xandriku Fest 2014.** L-attivita ta' Xandriku Fest ser terġa ssir is-Sibt 9 ta' Awissu, wara s-success tas-sena l-ohra.

**Charles Said, Sindku**

**Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

5. **Wine Festival 2014.** Il-preparamenti mexjin sew. Il-Kunsill qed jagħmel kuntatti ma' Firelight biex naraw jistgħux jieħdu sehem f' wahda mis-serati. Ser issir laqgħa ma' rappreżentanti ta' Delicata nhar it-Tlieta 10 ta' Gunju.

6. **Measure 413.6 Folk & Traditional Activities**. Il-Kunsill applika taħt il-fond ta' Measure 413.6 biex jieħu fondi biex issir attivita bl-isem Calypso – Keeping the Legend Alive. Jekk tiġi aċċettata din issir f'Marzu 2015 fil-Pjazza principali tan-Nadur.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30 p.m.

**Charles Said, Sindku**

**Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**